# Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fl-Ewwel Sena Kindergarten

F'Novembru 2018 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2019-2020. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw għall-ewwel sena kindergarten.

## L-Ewwel Sena Kindergarten Subien Mainstream

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena kindergarten subien mainstream huwa ta' tmienja u erbgħin (48) post.

**It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1b Tfal tal-Impjegati fl-istess skola* | 5 |
| *1ċ Aħwa* | 25 |
| ***Total*** | **30** |

Għandna wkoll applikazzjoni ta' każ soċjali.

## L-Ewwel Sena Kindergarten Subien li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet offruti lill-Każijiet Serji għal subien li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ta' 6 u rċevejna 6 applikazzjonijiet tal-Aħwa.

Ħamsa mill-applikanti subien li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. għandhom ħuthom jattendu l-Kinders ta' St. Francis u l-ieħor ħuh jattendi St. Angela Rabat. Dan ifisser li għad baqa' post vakanti f'St. Angela Żabbar u post ieħor f'Theresa Nuzzo l-Ħamrun.

## L-Ewwel Sena Kindergarten Bniet Mainstream

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena kindergarten bniet mainstream huwa ta' disgħa u sittin (69) post.

**It-total ta' applikanti bniet tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1a Tfal mid-Djar tal-Knisja* | 1 |
| *1b Tfal tal-Impjegati fl-istess skola* | 7 |
| *1ċ Aħwa* | 29 |
| ***Total*** | **37** |

## L-Ewwel Sena Kindergarten Bniet li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet offruti lill-Każijiet Serji għal bniet li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ta' 3 u rċevejna applikazzjoni waħda.

L-applikanta li għandha bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. għandha ħutha jattendu skola ta' St. Francis. Dan ifisser li għad baqa' post vakanti f'St. Angela Rabat u post ieħor f'Theresa Nuzzo l-Ħamrun.

## Applikazzjonijiet Oħra

Fost l-applikanti oħra jista' ikun hemm aħwa li qed japplikaw għall-istess sena, tewmin, jew għal snin tad-dħul differenti (Ara r-Regolamenti para. 3.1). Meta wieħed/waħda minn dawn l-aħwa j/tirreġistra fi skola, iż-żgħir jikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri ta' postijiet. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja**
**1 ta' Frar 2019**